III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/389/PESK

tas-7 ta' April 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Settembru 2007, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1778 (2007) li tapprova l-istabbiliment ta' missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u fiċ-Ċad (MINURCAT) u li tawtorizza lill-Unjoni Ewropea tiskjera f'dawk il-pajjiżi, għal perijodu ta' sena mid-data meta tiġi ddikjarata l-kapaċità operattiva inizjali tagħha, operazzjoni mmirata li tappoġġja lill-missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti. Ir-Riżoluzzjoni talbet ukoll lill-Gvernijiet taċ-Ċad u tar-Repubblika Ċentru-Afrikana u lill-Unjoni Ewropea biex jikkonkludu kemm jista' jkun malajr ftehim dwar l-istatus tal-forzi għall-operazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Fil-15 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/677/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana [1] (EUFOR Tchad/RCA).

(3) B'segwitu għall-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2007, f'konformità ma' l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' April 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŽERJAV

[1] ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.